MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 4/2013/1

**Philip Bonanno u martu Marisa Bonanno**

**v.**

**Suprintendent tas-Sahha Pubblika**

Dan hu appell imressaq ai termini tal-Artikolu 102(6) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta) wara decizjoni mehuda mill-Bord ghas-Servizzi Generali fit-22 ta' Novembru 2012, li biha cahad appell minn decizjoni li ha l-Ispettur Sanitarju li rrakkomanda rifjut ghal ragunijiet sanitarji ta' applikazzjoni mressqa mill-konjugi Bonanno ghal alterazzjoni u zvilupp ta' *one car garage* go fond gia` ezistenti f'San Pawl il-Bahar.

Id-decizjoni li ha l-imsemmi Bord hija s-segwenti:

*“Having seen the documents, plans, written submissions and heard the verbal submissions of both parties and having examined the approved plans referred to by Perit Musumeci, the Board considers that the approved applications referred to by Perit Musumeci involve only a single dwelling with access from a carport and not a block of flats. Moreover, the proposed plans refer to a semi-basement garage while all the other plans have the carport at road level. The Board is concerned on the potential health impact of fumes from cars in the proposed semi-basement garage to which inhabitants of the four overlying apartments are exposed. The Board, therefore, confirms its previous decision dated 29th February 2012.”*

Il-konjugi Bonanno ressqu dan l-appell ghal quddiem din il-Qorti li bih qed jitolbu t-thassir tad-decizjoni tal-Bord ghas-Servizzi Generali u l-akkoljiment tal-applikazzjoni taghhom fis-sens li din titqies konformi mar-regolamenti tas-sanita`.

L-appellanti jissottomettu li l-ispazju li jridu joholqu huwa ghal *car port* ta’ karozza wahda u, ghalhekk, l-impatt ambjentali huwa wiehed negligibbli; dan il-*car port* mhux se jinghalaq hlief b’xatba u allura se jkun hemm ventilazzjoni adegwata. Huma jsostnu wkoll li permess simili inghata ghall-bini adjacenti u f’binja ohra fl-inhawi, u jippretendu li jigu trattati bl-istess mod.

Trattat l-appell din il-Qorti tosserva li f’materja ta’ din ix-xorta, fejn il-ligi thalli t-tehid ta’ decizjoni li taffettwa s-sanita` pubblika f’idejn Bord tekniku, f’idejn dan l-istess Bord irid jithalla certa diskrezzjoni fil-materja ghax hu qieghed f’posizzjoni ahjar minn din il-Qorti biex jevalwa u jqis l-impatt tal-izvilupp propost fuq is-sahha pubblika. Meta jsir appell ghal quddiem din il-Qorti, il-kaz irid, veru, jerga’ jigi ezaminat, pero`, f’kaz li jirrizulta li d-decizjoni tal-Bord tkun ragjonata u meqjusa, din il-Qorti m’ghandhiex tbiddel id-decizjoni, semplicement, ghax fil-fehma taghha, id-decizjoni kellha tkun xort’ohra. Meta hemm Bord

tekniku mahtur bil-ligi, din il-Qorti trid bilfors taghti certa deferenza lil dak il-Bord, u ghandha tintervjeni biss meta jkun hemm ksur tal-principji ta' gustizzja naturali, jew meta d-decizjoni ma tkunx tista' tigi sostnuta bir-raguni jew is-sens komun.

Issa, f'dan il-kaz, jirrizulta li hemm erba' appartamenti sovrastanti dan il-*car port* propost, u li l-access ghal dawn l-appartamenti jirrikjedi bil-fors illi l-abitanti tal-appartamenti jghaddu mill-*car port* propost.  Min-naha l-ohra, dan il-*car port* se jkollu bieb fil-faccata b'apperturi u l-post huwa vicin il-kosta u ghalhekk espost ghar-rih.

Din il-Qorti tifhem il-konsiderazzjoni tal-Bord minhabba d-dhahen mill-karozza, pero`, tara' li meta tqis li fil-pajjiz jezistu hafna *garages* sottostante djar u appartamenti, il-projbizzjoni f'dan il-kaz ma hijiex wahda ragjonata.  Il-problema tad-dhahhen minn vetturi tezisti kontinwament ghal min jimxi fit-toroq ta' Malta iffollati b'karozzi ta' kull tip, u meta tqis li dan il-*car port* huwa intiz ghal karozza wahda u l-bieb se jkollu apperturi mill-faccata, ma tarax li dan l-izvilupp se jaghmel differenza ghal sahhet l-abitanti tal-appartamenti sovrastanti.
Hu veru li, milli jidher, l-access ghall-appartamenti huwa mill-istess *car port*, pero`, darba li l-*"car port* ser ikun miftuh mill-faccata" – li hi konsiderazzjoni importanti li hadet din il-Qorti ghal fini ta' din id-decizjoni – ma tarax li l-izvilupp propost hu ta' perikolu car ghal abitanti.  Peress li l-*car port* mhux se jkun issiggillat, sejjer ikun hemm cirkolazzjoni ta' arja libera, kif mitlub mill-Artikolu 97 tal-istess Kap. 10 u l-karozza se tkun imqabbda ghal ftit minuti biss fil-*car port*, u allura l-effett nociv tad-dhahhen, li jezisti dejjem bl-uzu ta' kull vettura, se jkun negligibbli bl-izvilupp propost.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Philip Bonanno u martu Marisa Bonanno billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Bord ghas-Servizzi Generali u tqis li l-applikazzjoni inkwistjoni bhala konformi mar-regolamenti tas-sanita` ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

L-ispejjez ta’ dan l-appell jithallsu mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------